# X'tgħallimt

1. Waqt it-tqarbin, Ġesù jiġi ġewwa fina fl-Ewkaristija. F'dan il-ħin aħna nsiru ħaġa waħda ma' Ġesù.

2. Imma Ġesù jixtieq ukoll li aħna mhux biss ningħaqdu miegħu, imma ningħaqdu u nsiru ħaġa waħda bejnietna. Din l-għaqda ta' bejnietna fil-quddiesa tidher f'mumenti differenti.

3. Hija tidher waqt li aħna ngħidu t-talba tal-Missierna u għalhekk nuru li aħna lkoll aħwa, ulied l-istess Missier. Nuruha wkoll meta nagħtu l-paċi lil xulxin. Din l-għaqda tidher meta lkoll flimkien nersqu għat-tqarbin u nissieħbu fit-talb u l-kant waqt il-quddiesa.

4.Fl-aħħar tal-quddiesa s-saċerdot jgħidilna: "Morru fil-paċi ta' Kristu." Permezz ta' dan il-kliem is-saċerdot jurina li l-għaqda li nkunu wrejna u saħħaħna bejnietna fil-quddiesa, irridu nkomplu nuruha u ngħixuha fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

